# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 6 ta' Gunju, 2001.**

**Numru 1**

**Citaz. Nru. 830/01GV**

**JB Stores Limited**

**vs**

**Lapsi Holdings Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' konvenuta ghandha taghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mija u sebgha u sittin lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm1,167.94) bilanc ta' somma akbar, prezz ta' diversi merci mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta' konvenuta, skond l-anness prospett (Dok. A), rilaxxat mis-socjeta' attrici fir-rigward ta' l-istess socjeta' konvenuta; kif ukoll l-imghaxijiet kummercjali mid-dati tal-fatturi relattivi kif indikati fuq l-imsemmija prospett (Dok A) sal-hlas effettiv;

Premess illi nonostante illi s-socjeta' konvenuta kienet giet interpellata diversi drabi sabiex taddivjeni ghal-pagament, hija baqghet ghal kollox inadempjenti;

Premess illi d-debitu fuq imsemmi huwa cert, likwidu u skadut u ghaldaqstant fil-fehma tas-socjeta' attrici huwa l-kaz illi din il-Qorti

tghaddi sabiex tiddecidi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza u dan a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u s-socjeta' attrici qed tipprezenta kontestwalment ma din ic-citazzjoni affidavit skond kif rikjest mill-imsemmi artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Dokument X);

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti:

1. Tghaddi sabiex tiddecidi t-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza u dan a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta); u

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mija u sebgha u sittin lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm1,167.94) bilanc ta' somma akbar, prezz ta' diversi merci mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta' konvenuta, skond l-anness prospett (Dok. A), rilaxxat mis-socjeta' attrici fir-rigward ta' l-istess socjeta' konvenuta; kif ukoll l-imghaxijiet kummercjali mid-dati tal-fatturi relattivi kif indikati fuq l-imsemmija prospett (Dok A) sal-hlas effettiv;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' April, 2001 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta' Joe Sant;

Semghet l-avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**